FIT-TRIBUNAL GHAL-TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Hamis 12 ta' Novembru 2015

Avviz Numru 40/2014

Gatt Constructions Limited

Vs

Anthony Muscat u Georgette Muscat

**It-Tribunal-:**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuti fis-somma ta' tlett elef, tlett mija u disgha u sittin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€3,369.98) rapprezentanti hlas ghal-provvista, bejgh u konsenja ta' ramel u konkos (ready-mix concrete) lil konvenuti fuq ordni taghhom stess.

Ir-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:-

1) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt stante' illi fl-ewwel lok kwalsiasi pretensjoni tal-kumpanija attrici li tirrisali ghal-Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) u qabel hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' tmintax (18) il-xahar fit-terminu tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u anke' bil-preskrizzjoni ta' hames snin fit-terminu tal-Artiklu 2156(f) tal-istess Kodici.

2) Illi minghajr pregudizzju ghal-premess il-konvenuti m'ghandhom jaghtu xejn lil kumpanija attrici ghaliex huma qatt ma xtraw materjal minn ghandha kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta' attrici;

3) Li ghaldaqstant il-kawza saret inutilment u frivolozament u l-ispejjez kollha ghandhom jigu akkolti lis-socjeta' attrici u fost l-ispejjez gudizzjarji li ghandhom

jithallsu mill-attrici hemm l-ispejjez ta' tlett (3) cedoli ta' depozitu kif imsemmi fl-istess risposta liema cedoli saru wara mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontra l-konvenuti mis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet u ra t-traskrizzjonijiet tal-istess xhieda.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-digriet tieghu tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra:-

Illi l-preskrizzjoni eccepita hija dik fit-termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u anke' fit-terminu tal-Artiklu 2156(f) tal-istess Kodici. L-artiklu 2148(b) jaqra hekk:

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax il-xahar:*

*(b) L-azzjonijiet ta' kredituri ghal-prezz ta' merkanzija oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut."*

L-Artiklu 2156(f) jghid illi

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin:*

*(f) L-azzjonijiet ghal-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew hwejjeg ohra meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skond din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku"*

Illi t-talba tas-socjeta' attrici hija ghal "*bejgh, provvista u konsejna ta' materjal bhal ramel u konkos (ready-mix concrete)*". Dan jidher ghalhekk illi ictu oculi jaqa' taht il-paragrafu (b) tal-Artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konsenja imsemmija ta' ramel, konkos u ready-mix jikkwalifikaw bhala merkanzija.

It-Tribunal ma jarax illi ghandha tidhol il-preskrizzjoni ta' hames snin kif stabbilita fl-Artikolu 2156(f). Ma jirrizultax illi dan ix-xoghol kien wiehed rizultanti minn operazzjonijiet kummercjali. Huwa l-kaz li dan l-allegat kreditu jaqa' taht preskrizzjoni iqsar u cioe dik imsemmija fl-artikolu 2148 (b).

Izda dan it-Tribunal jara ostakolu iehor ghal din l-azzjoni, ostaklu li minhabba fih lanqas tista' tigi investigata din l-azzjoni tal-preskrizzjoni. Dan ghaliex kif jissollevaw il-konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom li tabilfors dan it-tribunal ser ikollu jidhol fiha, huma qatt ma xtraw materjal kif mitlub fl-avviz minghand il-kumpanija attrici. Fl-avviz taghha l-kimpanija attrici titlob hlas ***ghal-bejgh, provvista, u konsenja ta' materjal*** mentri fix-xhieda tad-diretturi tal-kumpanija attrici u mill-statements esebiti jirrizulta illi

t-talba ghal-hlas hija ghal-servizzi ta’ skavar u tqattigh ta’ blat rezi mill-kumpanija attrici lil attur. F’dan il-kaz il-kawzali proposta mill-kumpanija attrici hija ghal kollox differenti minn dak li effettivament jirrizulta mill-provi u fil-verita’ ma ghandu xejn x’jaqsam mat-talba attrici.

Is-suggett tat-talba ghal-ammonti mitluba huwa kompletament differenti minn dak pretiz mill-kumpanija attrici u l-causa hija ghal-kollox differenti. Referenza issir ghal kaz simili ghal dak odjern deciz b’sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-tmeinja u ghoxrin (28) ta’ Novembru elfejn u tnax (2012) fl-ismijiet ‘**Christian Xerri vs Paul Caruana’** fejn il-Qorti tal-Appell irrevokat u biddlet id-decizjoni ta’ dan it-Tribunal. F’dak il-kaz l-attur li kien haddiem mal-konvenut kien talab somma flus “*dovuti lilu bhala hlas ta’ xoghol ta’ tikhil illi huwa ghamel fuq struzzjonijiet ta’ ...... ghal-perjodu ta’ bejn .......”.* Irrizulta mill-provi illi dak li kien qed jitlob l-attur kien hlas ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurta’ socjali ghal dak il-perjodu ta’ zmien li huwa kien jahdem mal-konvenut u mhux ghal paga jew hlas per se..

Dan it-Tribunal kien iddecieda illi fuq bazi ekwittattiva t-talba veritiera kienet titnissel minn l-istess rapport ta’ xoghol bejn il-partijiet u ghalhekk it-talba attrici kellha tigi akkolta. Minn naha l-ohra l-Qorti tal-Appell irrevokat din id-decizjoni u qalet hekk *“F’dan il-kaz ghas-somma hawn fuq indikata mil-kawzali proposat mill-attur ghal dik li effettivament qed jirrizulta li qed jirreklama hemm qabza kbira u fil-verita m’hemm l-ebda relazzjoni ta xejn bejn dak mitlub u dak li effettivament kien qed jippretendi l-attur........mela allura t-talba kif proposta ma tirrizultax fl-ammont indikat u hawn hija rilevanti r-riflessjoni illi ghamel l-apellant li t-talba kif proposta kienet cara f’li qed tghid u l-attur huwa marbut biha u ma jistax juza l-istess ghal-kawzali kompletament differenti ghaliex altrimenti dan ikun qed jippregudika lil parti l-ohra li hija tenuta tiddefendi l-azzjoni kif proposta u mhux kawzali ohra li ma tirrizultax assulutament mit-talba b’mod li l-parti mharrak m’ghandhiex issofri pregudizzju (Philip Tabone vs Concrete Mix Limited PA 28/7/2014 u Raymond Bezzina vs Anthony Galea AC 30/3/1998).”*

Il-Qorti tal-Appell kompliet tghid “*illi bil-mod kif mexa t-Tribunal meta accetta dak li kien qed isostni l-attur fuq dak li hija verament talba ghar-rifuzjoni ta’ kontribuzzjonijiet ta’ sigurta socjali li hallas l-appellant huwa kien qieghed ibiddel il-lasti tal-akwza ghaliex certament li dan m’ghandux x’jaqsam assulutament xejn ma kif giet impostata l-kawza*.”

F’cirkostanzi bhal dawn fejn anke’ f’din il-kawza qed jirrizulta illi l-pretensjoni attrici hija kompletament diversa minn dak illi qiegehd jintalab fil-kawza, dan it-Tribiunal ma jistax ikompli jikkunsidra din il-kawza u ser jastjeni minn li jiehu xi decizjoni fuq il-preskrizzjoni. Dan huwa punt preliminari sollevat mill konvenuti fit-tielet eccezzjoni taghhom, izda sollevabbli anke ex officcio, illi jwaqqaf ghal-kollox l-andament ta’ dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jichad it-talbiet attrici kif impostati, bl-ispejjez kontra l-istess kumpanija attrici, liema spejjez ghandhom jinkludu dawk tal-proceduri ndikati fir-ripsosta tal-konvenuti.

**Kevin Mompalao**

**Gudikatur**

**D/Registratur**